

Brussell, 21 ta' Jannar 2021  
(OR. en)

5520/21

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0006(NLE)**

---

**FISC 6  
ECOFIN 58**

**PROPOSTA**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Jannar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 14 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/563 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Estonja tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 14 final.

---

Mehmuż: COM(2021) 14 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 20.1.2021  
COM(2021) 14 final

2021/0006 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/563 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Estonja tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<sup>1</sup> (“id-Direttiva tal-VAT”), il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru japplika miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jipprevjeni ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fid-9 ta' Ottubru 2020, l-Estonja talbet awtorizzazzjoni biex sal-31 ta' Diċembru 2024, tkompli tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva tal-VAT, li tippermetti lill-Estonja teżenta mill-VAT lill-persuni taxxabli li jkollhom fatturat annwali ta' mhux aktar minn EUR 40 000.

Skont l-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni, permezz ta' ittra datata l-15 ta' Ottubru 2020, infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tal-Estonja. Il-Kummissjoni nnotifikat lill-Estonja b'ittra datata d-19 ta' Ottubru 2020 li hija kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tikkunsidra t-talba.

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Il-Kapitolu 1 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-VAT jagħti l-possibbiltà lill-Istati Membri biex japplikaw skemi speċjali għall-impriżi ż-żgħar, inkluża l-possibbiltà li jeżentaw lill-persuni taxxabli b'inqas minn ċertu fatturat annwali. Din l-eżenzjoni timplika li persuna taxxabli ma għandhiex għalfejn timponi l-VAT fuq il-provvisti tagħha, u b'konsegwenza ta' dan, ma tistax tnaqqas il-VAT minn fuq l-inputs tagħha.

Skont il-punt (8) tal-Artikolu 287 tad-Direttiva tal-VAT, l-Estonja tista' teżenta mill-VAT lill-persuni taxxabli li jkollhom fatturat annwali ta' mhux aktar mill-ekwivalenti ta' EUR 16 000 fil-munita nazzjonali bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha.

Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/563<sup>2</sup> l-Estonja ġiet awtorizzata żżid il-livell limitu li jikkonċerna l-persuni taxxabli, li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx EUR 40 000. L-Estonja, skont id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni, tista' tapplika l-miżura ta' deroga mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2020.

Il-proċedura speċjali għall-impriżi ż-żgħar ġiet emendata bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285<sup>3</sup>, li tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025. L-Estonja talbet estensjoni tal-applikazzjoni ta' din il-miżura derogatorja sal-31 ta' Diċembru 2024. Il-limitu l-ġdid, li jibda mill-1 ta' Jannar 2025, skont l-Artikolu 284 tad-Direttiva tal-VAT huwa ta' EUR 85 000. Għalhekk il-

<sup>1</sup> ĠU 347, 11.12.2006, p.1.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/563 tal-21 ta' Marzu 2017 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Estonja biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 80, 25.3.2017, p. 33-34).

<sup>3</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar (OJ L 62, 2.3.2020, p. 13–23).

valur limitu ta' EUR 40 000, stabbilit għall-intrapriżi ż-żgħar fl-Estonja, jikkonforma mad-dispożizzjoni l-għdida.

Iż-żamma tal-valur tal-limitu għar-reġistrazzjoni bħala persuna taxxabli, tippermetti li persuni li l-fatturat taxxabli tagħhom ikun bejn EUR 16 001 u EUR 40 000, iżommu piż amministrattiv iżgħar mingħajr impatt sinifikanti fuq l-ammont totali tad-dħul mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT). L-ammont ta' xogħol tal-amministratur tat-taxxa wkoll jitnaqqas bi ffit. Il-miżura derogatorja tibqa' fakultattiva għall-persuni taxxabli.

Il-miżura derogatorja li tissimplifika l-obbligi tal-operaturi ż-żgħar, hija konformi mal-objettivi stabbiliti mill-Unjoni Ewropea għan-negozji ż-żgħar.

L-applikazzjoni tal-miżura ma għandhiex impatt sinifikanti fuq l-ammont totali ta' dħul mill-VAT miġbur fil-fażi tal-konsum finali. It-tnaqqis, bħala riżultat tal-miżura, fil-VAT li titħallas fid-dħul tal-Istat huwa ta' EUR 15.6 miljun fis-sena, li jammonta għal 0.6% tar-riċevuta totali tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

Il-miżura ta' deroga mhijiex se taffettwa lir-riżorsi proprji mill-VAT, peress li l-Estonja se twettaq kalkolu ta' kumpens f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89.

Għalhekk, jixraq li r-Repubblika tal-Estonja tiġi awtorizzata tapplika l-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2024.

#### • **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-miżura ta' deroga hija konformi mal-filosofija tad-Direttiva (UE) 2020/285 li temenda l-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva tal-VAT dwar skema speċjali għall-impriżi ż-żgħar, li rriżultat mill-pjan ta' azzjoni tal-VAT<sup>4</sup>, u għandha l-għan li toħloq skema moderna u simplifikata għal dawk in-negozji. B'mod partikolari, għandha l-għan li tnaqqas il-kostijiet tal-konformità mal-VAT u d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fil-livell domestiku u fil-livell tal-UE, tnaqqas l-impatt negattiv tal-effett tal-livell limitu u tiffaċilita kemm il-konformità tan-negozju kif ukoll il-monitoraġġ mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa.

Barra minn hekk, il-livell limitu ta' EUR 40 000 huwa konsistenti mad-Direttiva (UE) 2020/285, sa fejn jippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu l-livell limitu tal-fatturat annwali meħtieġ għal eżenzjoni mill-VAT f'livell mhux oġġla minn EUR 85 000 (jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali).

Stati Membri oħra ngħataw derogi simili li jeżentaw mill-VAT lill-persuni taxxabli li l-fatturat annwali tagħhom huwa inqas minn ċertu livell limitu, kif previst fl-Artikoli 285 u 287 tad-Direttiva tal-VAT. In-Netherlands<sup>5</sup> ingħataw livell limitu ta' EUR 25 000; l-Italja<sup>6</sup> ngħatat

<sup>4</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar pjan ta' azzjoni dwar il-VAT – Lejn żona unika tal-VAT fl-UE – Iż-żmien biex niddeċiedu COM(2016) 148 final.

<sup>5</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1904 tal-4 ta' Diċembru 2018 li tawtorizza lin-Netherlands jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 310, 6.12.2018, p. 25).

<sup>6</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1988 tat-8 ta' Novembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/678/UE li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 306, 15.11.2016, p.11-12).

livell limitu ta' EUR 30 000; il-Lussemburgu<sup>7</sup> ngħata livell limitu ta' EUR 35 000; il-Latvja<sup>8</sup>, u l-Polonja<sup>9</sup> ngħataw livell limitu ta' EUR 40 000; il-Litwanja<sup>10</sup> ngħatat livell limitu ta' EUR 55 000; il-Kroazja<sup>11</sup> ngħatat livell limitu ta' EUR 45 000 u Malta<sup>12</sup> livell limitu ta' EUR 20 000; l-Ungerija<sup>13</sup> ngħatat livell limitu ta' EUR 48 000; is-Slovenja<sup>14</sup> ngħatat livell limitu ta' EUR 50 000; u r-Rumanija<sup>15</sup> ngħatat livell limitu ta' EUR 88 500.

Kif issemma diġà, id-derogi mid-Direttiva tal-VAT jenħtieġ li jkunu dejjem limitati fiż-żmien biex l-effetti tagħhom ikunu jistgħu jiġu vvalutati. L-inklużjoni ta' data ta' skadenza tal-miżura speċjali sal-31 ta' Diċembru 2024, kif mitlub mir-Repubblika tal-Estonja, hija allinjata mar-reqwiziti tad-Direttiva (UE) 2020/285 dwar regoli tal-VAT aktar sempliċi għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju. Din id-direttiva tipprevedi l-1 ta' Jannar 2025 bħala d-data li fiha l-Istati Membri jkollhom japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali, li huma obbligati jadottaw sabiex jikkonformaw magħha.

Għalhekk, il-miżura proposta hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Fil-programmi ta' ħidma annwali tagħha, il-Kummissjoni kienet qed tenfasizza b'mod konsistenti l-ħtieġa għal regoli aktar sempliċi għall-impriżi ż-żgħar. F'dan ir-rigward, il-

---

<sup>7</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2210 tad-19 ta' Diċembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/677/UE li tawtorizza lil-Lussemburgu jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 332, 23.12.2019, p. 155).

<sup>8</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1261 tal-4 ta' Settembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2408 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja sabiex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 296, 10.9.2020, p. 4–5).

<sup>9</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1919 tal-4 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2009/790/KE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 311, 7.12.2018, p. 32).

<sup>10</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1853 tal-10 ta' Ottubru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2011/335/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja sabiex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 265, 14.10.2017, p. 15-16). Proċedura bil-miktub li għadha għaddejja għall-miżura l-għdida

<sup>11</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1661 tat-3 ta' Novembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1768 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Kroazja tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 374, 10.11.2020, p. 4–5).

<sup>12</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1662 tat-3 ta' Novembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/279 li tawtorizza lil Malta biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 374, 10.11.2020, p. 6–7).

<sup>13</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1490 tat-2 ta' Ottubru 2018 li tawtorizza lill-Ungerija biex tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 252, 8.10.2018, p. 38).

<sup>14</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1700 tas-6 ta' Novembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/54/UE li tawtorizza lir-Repubblika tas-Slovenja biex tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 285, 13.11.2018, p. 78).

<sup>15</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1260 tal-4 ta' Settembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1855 li tawtorizza lir-Rumanija tapplika miżura speċjali ta' deroga għall-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 296, 10.9.2020, p. 1–3).

Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2020<sup>16</sup> jirreferi għal “Strateġija ddedikata għall-SMEs li se tagħmilha aktar faċli biex in-negozji ż-żgħar u l-medji joperaw, jikbru u jespandu”. Il-miżura speċjali hija f’konformità ma’ tali objettivi, f’dak li għandu x’jaqsam mar-regoli fiskali. Hija konsistenti b’mod partikolari mal-Programm ta’ Ħidma tal-Kummissjoni 2017<sup>17</sup>, li rrefera speċifikament għall-VAT, u indika li l-piż amministrattiv tal-konformità tal-VAT għan-negozji ż-żgħar huwa għoli u li l-innovazzjonijiet tekniċi jgħolqu sfidi ġodda għall-għbir effettiv tat-taxxa, u enfasizza l-ħtieġa li l-VAT tiġi ssimplifikata għall-kumpaniji ż-żgħar.

Bl-istess mod, il-miżura hija konsistenti mal-istrateġija tas-suq uniku tal-2015<sup>18</sup>, li permezz tagħha l-Kummissjoni ħadmet biex tgħin lin-negozji ż-żgħar u ta’ daqs medju jikbru, fost l-oħrajn billi jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi li ma jħalluhomx jisfruttaw għalkollox is-suq uniku. Issegwi wkoll il-filosofija tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2013 dwar il-“Pjan ta’ Azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020: Tkebbis mill-ġdid tal-ispirtu tal-intraprendenza fl-Ewropa”<sup>19</sup>, li enfasizzat il-ħtieġa li tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni tat-taxxa għall-imprezzi ż-żgħar.

Fl-aħħar nett, il-miżura tikkonforma mal-politiki tal-UE dwar l-imprezzi żgħar u medji kif stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-2016 favur in-Negozji l-ġodda<sup>20</sup> u fil-Komunikazzjoni tal-2008 “‘Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir’ - ‘Att dwar in-Negozji ż-Żgħar’ għall-Ewropa”<sup>21</sup>, li stiednu lill-Istati Membri biex iqisu l-karatteristiċi speċjali tal-SMEs meta jfasslu l-leġiżlazzjoni u jissimplifikaw l-ambjent regolatorju eżistenti.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi ġuridika

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT

### • Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-proposta hija fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

<sup>16</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Il-Programm ta’ Ħidma tal-Kummissjoni 2020 - Unjoni li tirsisti għal iktar (COM(2020) 37 final).

<sup>17</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Il-Programm ta’ Ħidma tal-Kummissjoni 2017 (COM(2016) 710 final).

<sup>18</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Naġġornaw is-Suq Uniku: opportunitajiet aktar għaċ-ċittadini u għan-negozji (COM(2015) 550 final).

<sup>19</sup> Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Pjan ta’ Azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020: Tkebbis mill-ġdid tal-ispirtu tal-intraprendenza fl-Ewropa (COM(2012) 795 final).

<sup>20</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-mexxejja li jmiss tal-Ewropa: L-Inizjattiva favur in-Negozji l-ġodda u n-Negozji li qed jespandu, (COM(2016) 733 final).

<sup>21</sup> Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir” “Att dwar in-Negozji ż-Żgħar” għall-Ewropa (KUMM(2008) 394 finali).

- **Proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru wara talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hi proporzjonata mal-għan li għandu jintlaħaq, jiġifieri s-simplifikazzjoni tal-ġbir tat-taxxi għall-persuni taxxabbli zġhar u għall-amministrazzjoni tat-taxxa.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, deroga mir-regoli komuni tal-VAT hija possibbli biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, Deċiżjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument addattat billi tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma saret l-ebda konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. Il-proposta attwali hija bbażata fuq talba li saret mill-Estonja u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru partikolari.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill iżżid il-livell limitu tal-fatturat annwali li taħtu l-persuni taxxabbli jistgħu jikkwalifikaw għal eżenzjoni mill-VAT. Għalhekk, testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura ta' simplifikazzjoni li telimina ħafna mill-obbligi tal-VAT għan-negożji li joperaw b'fatturat annwali ta' mhux aktar minn EUR 40 000.

Il-persuni li d-dħul taxxabbli tagħhom ma jaqbiżx il-livell limitu mhux se jkollhom jirreġistraw biex jiġu identifikati għal skopijiet ta' VAT, u għaldaqstant il-piż amministrattiv fuqhom se jitnaqqas bħala riżultat tal-miżura, billi huma ma jkollhomx għalfejn iżommu rekords tal-VAT jew jippreżentaw dikjarazzjoni tal-VAT. Se jkun hemm ukoll tnaqqis fl-ammont ta' xogħol għall-awtoritajiet tat-taxxa. Dan se jkollu impatt potenzjalment pożittiv fuq it-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-persuni taxxabli attwalment irreġistrati għall-VAT fl-Estonja, u sussegwentement fuq l-amministrazzjoni tat-taxxa.

Skont l-Estonja fl-2016 u l-2017, il-perċentwal ta' persuni identifikati għall-finijiet tal-VAT, b'fatturat annwali fil-medda ta' EUR 16 001–40 000 jammonta għal 18 % tal-għadd totali ta' persuni identifikati għall-finijiet tal-VAT. Fl-2019, dan il-perċentwal kien ta' 15 % tal-persuni kollha identifikati għall-finijiet tal-VAT. Mill-14 ta' Settembru 2020, l-għadd totali ta' persuni taxxabbli identifikati għall-finijiet tal-VAT fl-Estonja kien ta' 98 160. Il-miżura ta' deroga għalhekk taffettwa direttament madwar 3 000 negożju.

L-impatt fuq il-baġit fit-termini ta' dħul tal-VAT għall-Estonja ma wassalx għal impatt sinifikanti fil-baġit tad-dħul nazzjonali. It-tnaqqis, bħala riżultat tal-miżura, fil-VAT fid-dħul tal-Istat huwa ta' EUR 15.6 miljun fis-sena, li jammonta għal 0.6% tar-riċevuta totali tal-VAT. L-effett huwa negliġibbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦAL-BAĠIT**

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-UE peress li l-Estonja se twettaq kalkolu ta' kumpens skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE EURATOM) 1553/89<sup>22</sup>.

---

<sup>22</sup> ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9–13.

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/563 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Estonja tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<sup>1</sup>, u b' mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 287(8) tad-Direttiva 2006/112/KE, l-Estonja tista' teżenta mit-taxxa fuq il-valur miżjud ("il-VAT") lil persuni soġġetti għat-taxxa li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx l-ekwivalenti ta' EUR 16 000 fil-munita nazzjonali bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha.
- (2) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/563<sup>2</sup>, l-Estonja kienet awtorizzata tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE ("il-miżura ta' deroga"), biex teżenta mill-VAT lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx EUR 40 000. L-Estonja kienet awtorizzata tapplika l-miżura ta' deroga mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2020, jew sad-dħul fis-seħħ ta' direttiva li temenda d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva 2006/112/KE, skont liema data tiġi l-ewwel.
- (3) Fit-18 ta' Frar 2020, il-Kunsill adotta d-Direttiva (UE) 2020/285<sup>3</sup> li temenda l-Artikolu 281 sa 294 tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u li tistabbilixxi regoli ġodda għall-impriżi ż-żgħar, inkluż is-soll massimu tal-fatturat annwali tal-Istat Membru ta' 85 000 jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali.

<sup>1</sup> ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/563 tal-21 ta' Marzu 2017 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Estonja biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 80, 25.3.2017, p. 33).

<sup>3</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar (OJ L 62, 2.3.2020, p. 13).

- (4) Permezz tal-ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fid-9 ta' Ottubru 2020, l-Estonja talbet awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika l-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2024.
- (5) Permezz tal-ittra bid-data tal-15 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, bit-talba li għamlet l-Estonja. B'ittra datata d-19 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Estonja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.
- (6) Il-miżura ta' deroga hija skont l-għanijiet tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" — "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa<sup>4</sup>.
- (7) Fuq il-bażi tal-informazzjoni li pprovdiet l-Estonja, il-miżura ta' deroga se jkollha biss impatt negliġibbli fuq l-ammont globali tad-dħul mit-taxxa miġbur mill-Estonja fl-istadju tal-konsum finali. Il-persuni taxxabli xorta jkunu jistgħu jagħżlu l-arranġamenti normali tal-VAT f'konformità mal-Artikolu 290 tad-Direttiva 2006/112/KE.
- (8) Il-miżura ta' deroga mhix ser taffettwa b'mod negattiv lir-riżorsi proprji tal-Unjoni mill-VAT minħabba li l-Estonja ser twettaq kalkolu tal-kumpens skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89<sup>5</sup>.
- (9) Minħabba l-impatt pożittiv potenzjali tal-miżura ta' deroga fit-tnaqqis tal-piż amministrattiv u l-ispejjeż għan-negozji ż-żgħar, l-Estonja għandha tkun awtorizzata tapplika l-miżura ta' deroga għal perjodu ulterjuri.
- (10) Jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni biex tiġi applikata l-miżura ta' deroga, tkun limitata fiż-żmien. Jenħtieġ li l-limitu ta' żmien ikun biżżejjed biex tkun tista' ssir evalwazzjoni tal-effettività u l-adegwatezza tal-livell limitu. Barra minn hekk, skont id-Direttiva (UE) 2020/285, sal-31 ta' Diċembru 2024, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw mal-Artikolu 1 ta' dik id-Direttiva, u għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2025. Għalhekk, jixraq li l-Estonja tiġi awtorizzata tapplika l-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2024.
- (11) Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/563 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

---

<sup>4</sup> Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" – "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa, Brussell, 25.6.2008, COM(2008)394 final.

<sup>5</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/563, it-tieni paragrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2024.”

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Estonja.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*